FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 26 TA' MARZU 2001

PULIZIJA
SPETTUR WALTER SPITERI
VS
GIUSEPPE MIFSUD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Giuseppe Mifsud ta' 66 sena, bin il-mejjet Alberto u Adelina nee micallef imwieled Bormla fil-20 t'Awissu 1934 u joqghod 63, Triq il-Giebja Rumana, Zejtun ID Card No 599034M talli matul is-27 ta' Frar 1999 u fis-snsin ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bhala d-detentur tal-fond Sweet Haven, Triq l-Isqof Emmanuel Galea, Zejtun jew bhala l-persuna li kellha f'idejha l-istess fond, b'mezzi qarrieqa, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, lieam serq hu kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont ta' aktar min mitt liri maltin izda anqas minn elf liri maltin , u talli fl-istess zmien ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghall-aktar minn mitt liri maltin izda anqas minn elf liri maltin u fl-ahhar talli fl-istess zmien ghamel hsara jew kisser parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti jew apparat jew is-sigilli taghhom ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat il-verbal tas-26 ta' Frar 2001 fej l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza. Rat Art 261, 263, 264, 326 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 u tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 6 xhur.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.